MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 521/1988/1

**Michael Fenech ghan-nom u in rapprezentanza ta' Fenech Oil & Petroleum Co Limited**

**v.**

**Frank Sammut bhala Chairman u Tarcisio Mifsud bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Mediterranean Offshore Bunkering Company Limited**

**Il-Qorti:**

Rat li dan hu appell minn decizjoni li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Marzu 2012, li in forza taghha cahdet talba tas-socjeta` attrici ghall-isfilz tan-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta peress li kienet giet presentata tardivament.

Din il-Qorti sejra, f'dan l-istadju, tirriproduci d-decizjoni relattiva tal-ewwel Qorti li tikkontjeni t-talba relattiva tas-socjeta` attrici u l-motivazzjoni li wasslet lill-ewwel Qorti tichad dik it-talba:

> "Dan il-provvediment jirrelata ghal talba tal-attrici (ara rikorsi prezentati fit-3/2/2010) sabiex tigi sfilzata n-nota tal-eccezzjonijiet li pprezentat il-konvenuta fl-24 ta' Gunju 1988. Skond ir-riferta tal-ufficjal ezekuttiv, in-notifika tac-citazzjoni u avviz ta' smiegh saret fit-2 ta' Gunju 1988.
>
> "Il-konvenuta wiegbet permezz ta' risposta prezentata fl-10 ta' Gunju 2010 fejn fost'affarijiet ohra ddikjarat li n-notifika saret fis-7 ta' Gunju 1998 kif kien jidher mit-timbru li sar fl-ufficcju tal-konvenuta fiz-zmien li saret in-notifika.

"Ghal din il-qorti hu inaccettabbli li attur jistenna iktar minn 20 sena[1] qabel jaghmel talbiet simili ghal dawk li saru bir-rikors tat-3 ta' Frar 2010. B'nota prezentata fis-26 ta' Frar 2010 l-attrici ddikjarat li d-difensur kienet assumiet il-patrocinju ftit iktar minn sena qabel u *"..... kien wara li gew ezaminati bir-reqqa l-atti processwali flimkien ma' l-attur nomine ghall-finijiet ta' thejjija tal-provi li kellhom jitressqu minnu fis-27 ta' Ottubru 2009 li l-prezentata tardiva tan-Nota ta' Eccezzjonijiet giet a konjizzjoni ta' l-istess attur nomine."*. Din m'hijiex raguni valida. Ma kien hemm xejn x'izomm lir-rapprezentant tal-attrici u lid-difensuri li kellu matul is-snin twal li ilha pendenti din l-kawza, li jaghmlu l-istess ezercizzju snin qabel. Fil-fehma tal-qorti ma ghandux ikun li attur jibqa' passiv ghal iktar minn 20 snin u mbaghad jipprova jiehu benificcju billi jqajjem kwistjoni bhal din. Il-qorti ma tistax tittollera dawn it-tip ta' manuvri. Certament li kieku l-qorti kellha tilqa' t-talba tal-attrici, il-konvenuta ser titqieghed fi zvantagg mehud in konsiderazzjoni d-diffikulta, minhabba t-trapass ta' zmien, li jitressqu provi li n-notifika ma saritx fil-gurnata li tissemma fir-riferta. Ir-riferta m'hijiex xi prova li ma tistax tigi kontestata bi provi ohra.

"Inoltre hu altru milli evidenti li l-konvenut wiegbet u kkontestat il-kawza. Id-divergenza ta' jumejn hi ghal kollox insinifikanti fic-cirkostanzi attwali[2.] Sahansitra jirrizulta li fl-24 ta' Frar il-konvenuta pprezentat zewg noti ta' eccezzjonijiet ohra fil-kawzi 520/88 u 522/88, kawzi li gew prezentati mill-attrici fl-istess jum u li originarjament kienu assenjati quddiem il-qorti presjeduta mill-istess imhallef. F'kull kaz il-qorti hi tal-fehma li hemm dubju dwar id-data tan-notifika, u l-beneficcju tad-dubju ghandu jinghata lill-konvenuta.

**"Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet tal-attrici b'riferenza ghar-rikors prezentat fit-3 ta' Frar 2010.**

**"Spejjez relatati ma' dan il-provvediment huma a karigu tal-attrici."**

Min din id-decizjoni appellat is-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

1 In-nota tal-eccezzjonijiet kienet prezentata fl-24 ta' Gunju 1998 u fit-28 ta' Gunju 1998 kienet notifikata lid-difensur tal-attrici.
2 Skond ir-riferta n-notifika tac-citazzjoni lill-konvenuta saret fit-2 ta' Gunju 1998 filwaqt li l-konvenuta ssostni li giet notifikata fis-7 ta' Gunju 1998, skont timbru li hemm fuq l-avviz ta' smiegh u liema avviz kien inghata mid-difensur taghha.

> "... ... thassar u tirrevoka d-Digriet moghti mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Marzu 2012, u tilqa' t-talbiet tieghu kontenuti fir-rikors tat-3 ta' Frar 2010, bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine appellati."

Is-socjeta` konvenuta wiegbet li, ghar-ragunijiet minnha premessi, l-appell ghandu jigi michud u d-digriet appellat kkonfermat bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta` attrici trid, ghoxrin sena wara li bdiet din il-kawza, li n-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta tigi sfilzata peress li kienet gietipprezentata tnejn u ghoxrin jum wara n-notifika tac-citazzjoni odjerna. Din il-Qorti tara' li din it-talba hija abbuz tal-process gudizzjarju, peress illi parti f'kawza ma tistax toggezzjona ghal dak li sar mill-parti l-ohra, meta, ben konxja minn dan, taghmel u tippermetti li jsiru attijiet ohra fl-istess kawza u ma toggezzjonax opportunatament ghal dak l-agir. Dan il-principju hu ta'

applikazzjoni generali, u parti ma tistax teccepixxi n-nullita` ta' att meta tkun baqghet taghmel jew tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, u dan minghajr ma tecepixxi dik in-nullita`.

F'dik il-kawza, ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici ha sehem b'mod attiv fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, u qatt ma ilmenta dwar l-i*status* tas-socjeta` konvenuta. Mhux lecitu li wara li s-socjeta` konvenuta ilha tiddefendi l-kawza ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena, u tpoggi fiha hina, spejjez u impenn biex ixxejjen l-allegazzjonijiet tas-socjeta` attrici, issa jintalab li s-socjeta` konvenuta titqies kontumacia, u qiesu dak kollu li sa issa sar fil-kawza, bil-kunsens tas-socjeta` attrici, ma sar xejn.

Il-kontumacia tista' dejjem tigi gustifikata u anke irrinunzjata mill-attur, u meta, bhalma gara f'dan il-kaz, l-attur jippermetti lill-konvenut jippartecipa b'mod attiv fis-smiegh tal-kawza, l-istess attur ikun qieghed implicitament jirrinunzja ghall-effetti tal-kontumacia u jaccetta kontestazzjoni fil-meritu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` attrici billi tichad l-istess u tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez marbuta ma’ dan l-incident ghandhom jithallsu mis-socjeta` attrici appellanti, u peress li tqis li dan l-appell kien fieragh u vessatorju, fit-termini tal-paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, tikkundanna lis-socjeta` appellanti thallas, bhala spejjez addizzjonali, is-somma ta’ elf u hames mitt Euro (€1,500) lir-Registratur tal-Qorti.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma’ l-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------